

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 927/2012

tas-16 ta' Lulju 2012

li jistabbilixxi l-iskadenza fil-każ ta' użu mhux bieżżejjed tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll  
 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija  
 dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern  
 Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 753/2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenalnd, min-naħħa l-oħra <sup>(1)</sup>.
- (2) Peress li l-Protokoll attwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħħa l-oħra <sup>(2)</sup> ("il-Protokoll attwali") se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012, ġie inizjalat Protokoll ġdid fit-3 ta' Frar 2012. Il-Protokoll il-ġdid jipprovi opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Groenlandja lill-bastimenti tas-sajd tal-UE.
- (3) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/653/UE <sup>(3)</sup> dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid.
- (4) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjoni jikkonstitwi għall-aktivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-il-miġjiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' paxiżi terzi għall-il-miġjiet tal-Komunità <sup>(4)</sup>, jekk ikun jidher li l-ġhadd ta' awtorizzazzjoni jikkonstitwi tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni skont il-Protokoll attwali ma jkunux

utilizzati kollha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membri kkonċernat. In-nuqqas ta' risposta qabel id-data ta' skadensa stipulata mill-Kunsill għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tas-sajd tal-Istat Membri kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul il-perjodu mogħi. Għandha għalhekk tiġi stabbilita dik id-data ta' skadensa mill-Kunsill.

- (5) Peress li l-Protokoll attwali se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012 u peress li l-Protokoll il-ġdid għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2013, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013,

## ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Jekk, sad-data relevanti stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-applikazzjoni jikkonstitwi għall-awtorizzazzjoni jiet tas-sajd mill-Istati Membri taħt il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea min-naħħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħħa l-oħra, ma jkoprux l-opportunitajiet tas-sajd annwali allokati kollha kif stipulata mill-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tikkun sidra applikazzjoni jiet tas-sajd minn kwalukwe Stat Membri ieħor skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.
2. Id-data ta' skadenza msemija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandha tkun stabbilita għal 10 ijiem ta' xogħol.
3. Għal kull stokk imsemmi fl-Anness, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar il-livell ta' utilizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd abbażi ta' applikazzjoni jikkonstitwi għal l-iċċenzji riċevuti mhux aktar tard minn:

- (a) xahar qabel id-data stabbilita fl-Anness; u
- (b) sad-data stabbilita fl-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 9.

<sup>(3)</sup> Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(4)</sup> ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. ALETRARIS

---

## ANNESS

Data msemmija fl-Artikolu 1(1) u (3):

Stokk	Data
Il-Gamblu tat-Tramuntana fis-Subżoni XIV u V tal-ICES	l-1 ta' Awwissu
Il-ħalibatt tal-Groenlandja fis-Subżoni XIV u V tal-ICES	il-15 ta' Settembru
Il-ħalibatt tal-Atlantiku fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Il-ħalibatt tal-Groenlandja fis-Subżona 1 tan-NAFO – fin-Nofsinhar ta' 68° Tramuntana	il-15 ta' Ottubru
Il-Gamblu tat-Tramuntana fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Ottubru
Ir-redfish pelaġiku fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u s-Subżona 1F tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Ir-redfish demersali fis-Subżoni XIV u V tal-ICES u s-Subżona 1F tan-NAFO	l-1 ta' Settembru
Is-snowcrab fis-Subżona 1 tan-NAFO	l-1 ta' Ottubru
Il-merluzz fis-Subżona XIV tal-ICES u fis-Subżona 1 tan-NAFO	il-31 ta' Ottubru